# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-26 ta' Mejju, 2016.**

**Rikors Numru 183/2015 SM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru**
**kawtelatorju numru 266/15**
**fl-ismijiet:**

***FM Promotions Limited***
**(C-46636)**

**vs.**

**Polidano *Brothers Limited* (C-8884)**
***MKIC Limited* (C-56106)**
***Expo Events Limited* (C-63751)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat is-26 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu s-socjeta` hawn rikorrenti, precizament il-Polidano Brothers Limited, sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` sekwestranti, hawn intimata, otteniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq indikat fosthom anke kontra s-socjeta` hawn rikorrenti ghad-danni allegatament sofferti;

1.2. Illi qed tipprevalixxi ruhha mill-artiklu 836 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qed titlob il-hrug ta' kontro-mandat biex permezz tieghu jigi revokat il-mandat ta' sekwestru in dizamina;

1.3. Illi s-socjeta` hawn rikorrenti ma kienitx is-socjeta` li kienet topera s-sit Montekristo fejn is-socjeta` sekwestranti kienet ser torganizza l-avveniment in dizamina;

1.4. Illi s-socjeta` sekwestranti qatt m'ghamlet negozju mas-socjeta` sekwestrata hawn rikorrenti;

1.5. Illi d-diretturi tas-socjeta` hawn rikorrenti intervenew meta inqalet il-problema mal-awtoritajiet koncernati biex johorgu l-permessi ghall-avveniment in kwistjoni;

1.6. Illi d-diretturi riferiti fil-paragrafu precedenti kienu infurmaw lil Adrian Figallo, direttur tas-socjeta` sekwestranti, illi *stante* li ma kienx ottjena l-permessi necessarji, kellu jsib sit iehor fejn seta jtella` l-avveniment li kien qieghed jorganizza;

1.7. Illi *nonostante* dan, is-socjeta` sekwestranti hawn intimata baqghet tinsisti u tittratjeni sal-ahhar biex l-avveniment isir fis-sit maghruf bhala Montekristo;

1.8. Illi l-istess socjeta` hawn rikorrenti anke offriet is-servizzi tal-impjegati taghha biex jghinu lis-socjeta` sekwestranti intimata tottjeni l-permessi necessarji;

1.9. Illi l-bord tal-Appell tal-pulizija kkonkluda li ma kienx ser jaghti l-permess necessarju biex ikun jista` jsir l-avveniment prospettat;

1.10. Illi *nonostante* tali rifjut, is-socjeta` sekwestranti intimata baqghet tisfida lill-awtoritajiet u baqghet ghaddejja bil-preparamenti ghall-avveniment in dizamina;

1.11. Illi kien tard fl-istess gurnata li kellu jibda l-avveniment li l-imsemmi Adrian Figallo ddecieda li jobdi d-decizjoni tal-awtoritajiet u jmexxi l-avveniment f'sit iehor kif istruit mis-socjeta` sekwestrata hawn rikorrenti;

1.12. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ordnat lill-impjegati taghha biex jidhlu lura ghax-xoghol biex jghinu lis-socjeta` sekwestranti intimata ggorr l-apparat li kien gia` intrama fis-sit, u jittiehed f'sit iehor, u dan, a spejjez tas-socjeta` sekwestranti;

1.13. Illi l-mandat in dizamina laqghat il-pagi tal-impjegati tas-socjeta` sekwestrata hawn rikorrenti u pagamenti ohra versu terzi;

1.14. Illi ghalhekk l-istess mandat ta' sekwestru kien ta' dannu ghas-socjeta` sekwestrata hawn rikorrenti u anke tappan il-kredibilita` taghha;

1.15. Illi l-mandat in dizamina hu frivolu, vessatorju u malizjuz, u ghalhekk ghandhom japplikaw l-artiklu 836 (8) u (9) tal-Kap 12 fuq riferit;

1.16. Illi ghaldaqstant, aderiet din il-qorti biex is-socjeta` sekwestranti intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.16.1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 266/15 fl-ismijiet fuq indikati, u dan, limitatament fejn jolqot lis-socjeta` hawn rikorrenti, *ai termini* tal-artiklu 863 (1), (recte 836(1)) tal-Kap 12 fuq riferit;

1.16.2. Tapplika d-dispozizzjonijiet tal-artiklu 836 (8) u (9) tal-istess Kap fuq indikat kontra s-socjeta` sekwestranti intimata;

1.16.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` sekwestranti hawn intimata;

2.0. Rat ir-risposta datata t-23 ta' Marzu, 2015, li permezz taghha s-socjeta` sekwestranti intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

2.1. Illi thossa perplessa bir-rikors promotur *stante* li s-socjeta` sekwestrata rikorrenti ssosstni li m'ghamlet l-ebda negozju mas-socjeta` sekwestranti intimata;

2.2. Illi l-istess socjeta` hawn rikorrenti ssostni wkoll li ma toperax is-sit maghruf bhala Montekristo;

2.3. Illi pero` fl-istess hin issosstni s-segwenti:

2.3.1. Illi informat lis-socjeta` hawn intimata biex issib post alternattiv; u

2.3.2. Illi qabdet il-haddiema taghha biex jghinu lis-socjeta` hawn intimata biex titrasloka;

2.4. Illi s-suespost juri b'mod car li s-socjeta` hawn rikorrenti assumiet ir-responsabbilita` li tforni s-sit fejn kellha ssir l-esibizzjoni in kwistjoni;

2.5. Illi *in oltre*, l-avveniment *de quo* ma sarx minhabba l-ordni t'infurzar mahrug mill-MEPA;

2.6. Illi l-avveniment in dizamina kien gie reklamat u ghalhekk, ma kienx facli biex jinbidel;

2.7. Illi s-socjeta` sekwestrata hawn rikorrenti kienet konsapevoli li fis-sit *de quo* kien hemm il-problemi mal-MEPA u li ghalhekk l-avveniment *de quo* qatt ma seta` jsehh;

2.8. Illi *nonostante* dan, is-socjeta` hawn rikorrenti qatt m'informat lis-socjeta` sekwestranti hawn intimata b'dawn il-problemi u accettat li jsiru l-preparamenti biex tkun tista` ssir l-attivita` in dizamina;

2.9. Illi konsegwenza ta' dan is-socjeta` sekwestranti intimata soffriet danni ingenti u kien ghalhekk li intalab il-mandat mertu tal-procedura odjerna;

2.10. Illi qabel l-imsemmi mandat, is-socjeta` hawn rikorrenti kienet giet debitament interpellata biex tersaq ghal likwidazzjoni tad-danni, izda l-awspikat ftehim baqa` ma ntlahaqx;

2.11. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` sekwestrata hawn rikorrenti huma frivoli u vessatorji;

2.12. Illi *di piu`* min-naha taghha l-istess socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti kisbet mandat ta' sekwestru kontra s-socjeta` sekwestranti hawn intimata u kontra direttur taghha fl-ammont ta' €250,000.00, u dan, minghajr pre-avviz kif dovut;

2.13. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` sekwestrata hawn rikorrenti ghandhom jigu respinti;

3. Semghet ix-xhieda prodotta;

4. Ezamiat id-dokumenti kollha esebiti;

5. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6. Illi in sintesi, permezz ta' din il-procedura s-socjeta` sekwestrata hawn rikorrenti Polidano *Brothers Limited* qed titlob il-hrug ta' kontro-mandat bil-ghan li tinnewtralizza l-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 266/15 datat it-18 ta' Frar, 2015, u dan, ghar-ragunijiet fuq esposti, (ara paragrafu numru wiehed, (1), aktar qabel);

7.0. Illi essenzjalment ir-ragunijiet li fuqhom tibbaza t-talbiet taghha fir-rigward huma s-segwenti:

7.1. Illi qatt m'ghamlet negozju mas-socjeta` sekwestranti hawn intimata;

7.2. Illi ma toperax is-sit maghruf bhala Montekristo;

7.3. Illi kienet infurmat lill-istess socjeta` hawn intimata biex issib sit alternattiv ghall-attivita` taghha *stante* li ma kienx inhareg il-permess relattiv;

8.0. Illi min-naha taghha in risposta, s-socjeta` sekwestranti hawn intimata ssosstni essenzjalment is-segwenti:

8.1. Illi bis-sekwestru numru 266/2015 hi qed tikkawtela danni allegatament minnha sofferti wara li l-avveniment li kienet bi hsiebha torganizza fis-sit in dizamina bejn it-3 u l-5 t'Ottubru, 2014, ma setax isir ghaliex il-permess relattiv ghall-istess ma harigx *stante* li s-sit *de quo* kien suggett ghall-ordni t'infurzar;

8.2. Illi kienet lahqet irreklamat l-avveniment;

8.3. Illi s-socjeta` hawn rikorrenti kienet ben konxja li l-avveniment in dizamina ma setax isir fis-sit in kwistjoni izda *nonostante* dan, naqset li tinformha b'dan;

8.4. Illi in konsegwenza tal-istess soffriet danni u kien ghalhekk li talbet il-hrug tal-mandat *de quo* fuq riferit, (ara paragrafu wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

9. Illi jigi preliminarjament sottolineat li t-talba tas-socjeta` hawn rikorrenti ma tirrizultax li tinkwadra f'xi wahda mid-dispozizzjonijiet elenkati fl-artiklu 836 (1) tal-Kap 12 fuq gia` riferit, li fuqhom tista` tintalab ir-revoka ta' mandat kawtelatorju;

10. Illi *di piu`* ghandu jirrizulta pacifiku li l-kwistjoni dwar il-mertu veru u proprju tal-vertenza in dizamina tista` biss tigi determinata fil-kawza appozitament intavolata biex tiddetermina tali vertenza;

11. Illi l-procedura odjerna hi limitata ghall-ezami preliminari ta' natura sommarja kif rikjest statutorjament u kif stabbilit mill-**Prim' Awla tal-Qorti Civili** fosthom fil-kawza fl-**ismijiet Camilleri vs. Gove` et, deciza fl-10 ta' Mejju, 2001**, fejn l-ezami rikjest fid-determinazzjoni tal-istess ghandu jkun dak ta' livell tal-*prima facie* u xejn aktar;

Ikkunsidrat:

12. Illi f'dan ir-rigward l-istess **Prim' Awla tal-Qorti Civili** irriteniet is-segwenti fil-kawza fl-**ismijiet J.V. & S. Developments Limited vs. Scala Developments Limited**, datata d-**9 ta' Jannar, 2012**:

> "Illi fir-rigward tal-proceduri li jsiru *ai termini* tal-artiklu 836, (tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), il-qorti kemm il-darba ghamlitha cara li hi bl-ebda mod m'ghandha tidhol fil-fond tal-vertenza, ghaliex kif irritenew diversi drabi fil-qrati taghna, l-procedura mahsuba fl-artiklu 836 (fuq indikat) ghandha tkun wahda sommarja, u l-ezami taghha ghandu jkun biss ta' *prima facie* ...ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-qorti f'dan l-istadju u dan, tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja";

13. Illi ghalhekk, ikun x'ikun l-ezitu ta' dan l-ezami *prima facie*, dan bl-ebda mod ma jincidi fuq l-ezitu finali dwar il-mertu tal-vertenza in dizamina;

14. Illi konsegwentement l-ezami in *prima facie* prezenti hu necessarjament preliminari, mhux profond, u jirreferi ghal dak li jista` jirrizulta "mad-daqqa t'ghajn";

15. Illi *nonostante* is-suespost, l-ezami riferit fil-paragrafu precedenti xorta wahda mhux wiehed superficjali jew approssimattiv;

Ikkunsidrat:

16. Illi l-bazi tar-relazzjoni bejn is-socjetatjiet kontendenti hi naxxenti mill-kuntratt datat it-22 ta' Dicembru, 2014, (ara foll 22);

17. Illi l-klawsola tmienja punt wiehed, (8.1.), tal-istess kuntratt, (ara foll 25), tghid is-segwenti:

> "Without prejudice to clause 3.1. hereof, Expo Events hereby exonerates the Company and/or PBL and all directors from any possible claims and liability against the Company and/or PBL or the directors by Mr Adrian Figallo or any of his related companies with respect to the 'King of Europe' event that was scheduled to be held at Montekristo estates in October 2014";

18. Illi l-firmatarji tal-kuntratt fuq imsemmi, (ara paragrafu sittax, (16), aktar qabel), huma t-tmin (8) persuni guridici u fizici hemm indikati espressament , (ara foll 22);

19. Illi min ezami tal-istess jirrizulta assodat li s-socjeta` sekwestranti hawn intimata, senjatament *FM Promotions Limited*, ma kienitx wahda mill-firmatarji tal-istess kuntratt fuq riferit;

20. Illi konsegwentement din l-istess socjeta` sekwestranti hawn intimata mhix marbuta bit-termini u kundizzjonijiet tal-istess kuntratt, biex b'hekk, ma jezisti l-ebda vinkolu procedurali naxxenti mill-istess kuntratt fil-konfront taghha;

Ikkunsidrat:

21. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 1001 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Il-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi";

22. Illi fil-kaz in dizamina l-partijiet kontraenti huma biss dawk espressament indikati fil-kuntratt in dizamina, (ara foll 22);

23. Illi konsegwentement il-kuntratt in dizamina hu validu biss u jaghmel stat biss fil-konfront tal-partijiet hemm indikati u firmatarji tal-istess (ara ukoll foll 26);

24. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li s-socjeta` sekwestranti hawn intimata, bhala socjeta` li mhiex wahda minn dawk li huma firmatarji tal-kuntratt *de quo*, mhux biss hi estranea ghall-

istess, izda hi wkoll allura liberata mill-ezoneru espressament elenkat fil-klawsola numru 8.1. tal-istess kuntratt, (ara paragrafu numru sbatax, (17.), aktar qabel);

25. Illi konsegwenza tal-istess il-kuntratt *de quo* hu semplicement ***"res inter alios acta (neque prodest neque nocet)"*** ghall-istess socjeta` sekwestranti hawn intimata;

Ikkunsidrat:

26. Illi jirrizulta li l-permess rikjest biex ikunu jistghu jigu organizzati l-avvenimenti ppjanati mis-socjeta` sekwestranti hawn intimata, (*FM Productions Limited*), kien rifjutat mill-awtorita` kkoncernata, (l-MEPA), (ara foll 37 u 38, 46, u 49 sa 54);

27. Illi dan ir-rifjut kien jikkonsisti f'ordni t'infurzar mahrug fil-konfront tas-socjeta` sekwestrata hawn rikorrenti, (Polidano *Brothers Limited*), (ara foll 52);

Ikkunsidrat:

28. Illi s-socjeta` sekwestrata hawn rikorrenti ssostni li ma kienet tezisti l-ebda konnessjoni kummercjali bejnha u bejn is-socjeta` sekwestranti hawn intimata;

29. Illi fid-dawl tar-rizultanzi kif fuq sintetikament analizzati in *prima facie*, tali allegazzjoni indikata fil-paragrafu precedenti ma tirrizultax li hi wahda verosimili *stante* li l-istess socjeta` tiffigura prominentement fil-kuntratt fuq riferit datat it-22 ta' Dicembru, 2014, (ara foll 22);

30. Illi min-naha l-ohra, kif gia` indikat, l-istess socjeta` sekwestranti hawn intimata tirrizulta li hi ghal kollox estranea ghall-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti u allura, l-istess kuntratt m'ghandu l-ebda effett fil-konfront tal-istess;

31. Illi in effetti l-klawsola numru 8.1. (ara paragrafu numru sbatax, (17.), aktar qabel), jindika b'mod car l-ezistenza ta' vinkolu kontrattwali bejn il-partijiet hemm indikati tant, li inhass il-bzonn li s-socjeta` sekwestrata hawn rikorrenti tigi hemm

espressament ezonorata minn kwalunkwe rikjesta ghal danni li tista` tkun raffrontata biha kagun tal-avveniment in dizamina;

32. Illi biex it-talba tas-socjeta` sekwestrata hawn rikorrenti li m'ghamlet l-ebda negozju fir-rigward tkun rigorazament logika, allura il-bzonn tal-ezoneru elenkat fil-klawsola 8.1. fuq riferita ma kienx ikun rez bzonjuz;

33. Illi *di piu`*, jinghad ukoll li kieku l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti *de quo* kienet tassew verosimili, allura ma kienx ikun hemm il-htiega li l-haddiema taghha jigu forzozament reklutati biex jghinu lis-socjeta` intimata thott u tittrasloka l-armar ghal sit alternattiv;

34. Illi *di piu`* jirrizulta wkoll li l-istess socjeta` rikorrenti kienet hadet ir-responsabbilita` li tinforma wkoll lis-socjeta` intimata li kellha ssib sit alternattiv issa li l-permess ghall-uzu tas-sit kien rifjutat;

35. Illi *prima facie* dan kollu jindika li effettivament kien jezisti vinkolu kummercjali bejn il-kontendenti odjerni;

Ikkunsidrat:

36. Illi fir-rigward tat-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-hlas ta' penali *ai termini* tal-artiklu 836(8) u (9) tal-Kap 12 *de quo*, issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet *North Services Limited vs. Meir Assouline***, datata t-**28 t'April, 2015**, li ssostni s-segwenti:

> "Illi dwar il-kwistjoni tal-impozizzjoni tal-penali jrid jinghad li din hi sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista` taqbel li tghabbi lil min ikun hareg mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hi fokoltattiva, jrid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-qorti, li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mill-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mill-ligi f'dan ir-rigward, u ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi";

37. Illi mill-analisi tal-fatti riskontrati ma jirrizultax li s-socjeta` rikorrenti rnexxiela ggib xi prova rigwardanti xi wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-imsemmi artiklu 836(8) tal-Kap 12 *de quo* biex tippermetti lill-qorti tikkundanna lis-socjeta` intimata ghall-hlas ta' penali fit-termini legali hemm imposti;

38. Illi ghall-kuntrarju, jirrizulta assodat li hi t-talba originali ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju *de quo* li tirrizulta debitament fundata fuq raguni valida ghall-istess;

39. Illi ghalhekk, it-talba ghall-hrug tal-mandat in dizamina tirrizulta li kienet gustifikata skont il-ligi;

40. Illi konsegwentement, it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-imposizzjoni ta' penali ma tirrizultax gustifikata fit-termini tal-artikli 836(8)(9) tal-Kap 12 *de quo*;

**DECIDE:**

41.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` sekwestrata hawn rikorrenti naqset li tipprova l-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

41.1. Filwaqt li takkolji r-risposti kollha tas-socjeta` sekwestranti hawn intimata;

41.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` sekwestrata hawn rikorrenti;

41.3. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti Polidano *Brothers Limited*.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**